MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 330/2007

**Maltacom p.l.c. – C 22334 u b'digriet tas-26 ta' Novembru, 2007 l-isem tas-socjetà inbidel ghal Go p.l.c.**

**Vs**

**John Tabone – I.D. 315366(M) u**
**Dorothy Tabone – I.D. 348473(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tliet mija u tlieta u hamsin euro u disghin centezmi (€353.90) ekwivalenti ghal mija u wiehed u hamsin lira maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm151.93c) liema ammont huwa dovut lis-socjetà attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru

21483783 (CN284089 – AC10140462) skond kif jirrizulta mid-dokumenti annessi ma' dan l-Avviz.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' tliet mija u tlieta u hamsin euro u disghin centezmi (€353.90) - (Lm151.93c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**Av. Peter Borg Costanzi**
Gudikatur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------